MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 1064/2003

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-partijeit kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fit-18 ta’ Lulju 1970, minn liema zwieg twieldu zewgt itfal, D u E, lkoll maggorenni; u

Premess illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti ma ghadhiex aktar possibli minhabba tijiet imputabbli lill-konvenut u senjatament minhabba adulterju, eccessi, mohqrija u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrevokabilment; u

Premess illi l-attrici ottjeniet d-debita awtorizzazzjoni tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili permezz ta’ Digriet numru 1339/03 sabiex tkun tista’ tipprocedi b’ din l-istess stanza; u

Premess illi tenetattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn, u ghalhekk kellhom jigu ntavolati l-proceduri odjerni;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.
2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti.

3. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 et seq tal-kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f’ zewg porzjonijet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta’ divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni dotali u parafernali kollha taghha u tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

7. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi huwa jaqbel mal-ewwel talba attrici purche l-pronunzjament tas-separazzjoni personali ikun imputabbli lill-attrici bl-applikazzjoni kontriha tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi t-tieni talba attrici ghandha tigi respinta ghaliex s-separazzjoni bejn il-partijiet hija imputabbli biss lill-attrici.

3. Illi huwa jaqbel mar-raba u l-hames talbiet attrici.

4. Illi dwar is-sitt talba l-attrici tinsab fil-pussess tal-beni kollha taghha kif ukoll dawk kollha formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

5. Illi fi kwalunkwe kaz il-konvenut ghadu dispost u propens kif dejjem kien li jintlahaq ftehim bonarju dwar is-separazzjoni ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk f’ kaz li dan ma jsehhx, l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Neville Camilleri minnu debitament mahlufa;[1]

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

---

[1] Fols.566 *et seq.*

**Separazzjoni Personali**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li tigi dikjarata minn din il-Qorti s-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha l-konvenut, u dan ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 unikament imputabbli lill-istess konvenut; kif ukoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali. Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali, jsostni li din hija mputabbli lill-attrici.

Illi mill-provi jirrizulta li l-konjugi B kienu zzewwgu fit-18 ta’ Lulju 1970 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt it-tfal li llum huma maggjorenni. Jirrizulta li l-inkwiet matrimonjali bejn il-konjugi beda madwar is-sena 1988 meta l-attrici bdiet tissusspetta li l-konvenut kien infidil lejha, suspetti li originaw principalment mill-tibdil totali fil-komportament tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici, gideb u nuqqas ta’ spjegazzjoni ghal certu affarijiet u nuqqas ta’ reazzjoni ghal certu allegazzjonijiet da parti ta’ l-istess attrici fil-konfront tieghu. Ftit taz-zmien qabel il-prezentata tac-citazzjoni, l-attrici kienet innotat certu kunfidenza li kienet trabbiet bejn zewgha u kugintu [identifikata b’ isimha] bir-rizultat li eventwalment l-attrici, bl-ghajnuna tat-tfal taghha, ghamlet l-ghassa biex tivverifika jekk zewgha kienx verament ikun ghax-xoghol fil-hinijiet ta’ filghaxija, stante li dan kien jahdem ma’ l-AirMalta bis-shifts.

Rizultat ta’ dan il-pedinament, irrizulta li fit-3 ta’ Gunju 2003 il-konvenut kien ghamel lejh shih ghand il-kugina tieghu fir-residenza taghha, meta lil martu kien qallha li kellu jkun xoghol. Meta hareg minn dan il-fond huwa sab lit-tfal tieghu jistennew, li ghalkemm talbuh spjegazzjoni ma tkellem xejn u rega’ dahal minn fejn hareg. Sussegwentement il-konvenut irceva l-ittra minghand l-Avukat ta’ l-attrici li dina riedet s-separazzjoni personali, u minn dak in-nhar ma regax irritorna fid-dar matrimonjali izda mar jghix x’ imkien iehor filwaqt li l-korrispondenza baqa’ jirceviha c/o l-indirizz ta’ fejn kienet tghix il-kugina tieghu li wkoll kienet issajjarlu u tahsillu l-hwejjeg, u skond hu, kien ihallasha meta jkollu l-flus f’ idejh.

Illi l-konvenut, filwaqt li baqa' jinnega li kellu xi relazzjoni ma' kugintu, ilmenta dwar l-attitudini hazina ta' l-attrici fil-konfront tieghu u dwar il-komportament taghha suspettuz tant li kienet tiftahlu l-korrispondenza.

Il-konvenut ittanta jghati spjegazzjoni ghall-fatt li ghadda l-lejl ghand il-kugina tieghu, izda ma gab ebda prova in sostenn ta' dak minnu allegat; a kuntrarju ta' l-attrici li, ghalkemm ma producietx bhala xhud lil din it-terza persuna, mill-banda l-ohra ressqet elementi ta' prova sufficjenti sabiex tipprova kemm l-ingurja gravi da parti tal-konvenut konsistenti f' gideb u fl-ikwefrentar tieghu ta' din il-mara, kif ukoll ta' l-eventwali adulterju. Ii L-avvenimenti tat-3 ta Gunju 2003 u l-komportament tieghu meta gie kkonfrontat minn uliedu *a tempo vergine* jikkostitwixxu fl-assiem taghghom "cirkostanzi precizi, gravi u univoci" li jwasslu lil din il-Qorti ghall-konvinciment ta' l-esistenza ta' dan il-fatt. Id-domanda li timponi ruhha hija: jekk verament il-konvenut ma kellux xejn x' jahbi u li l-presenza tieghu fil-fond ta' dik il-persuna kienet wahda innocenti u genwina, x' kien hemm li jimpedih milli jaghti spjegazzjoni lil uliedu u jiccara l-posizzjoni tieghu dak il-hin?

Jigi osservat ulterjorment, u in rispons ghas-sottomissjoni konvenuta li l-attrici naqset milli tressaq bhala xhud lit-terza persuna, li, ghalkemm fl-affidavit tieghu l-konvenut ittanta jispjega ghaliex ghamel lejl ghand din il-persuna u x-xoghol li suppost kellu jaghmel fil-post taghha flimkien ma' missierha, il-konvenut, nonostante l-posizzjoni prekarja tieghu, naqas li minn naha tieghu jressaq bhala xhud lil din il-persuna jew almenu lil missierha li skond hu kien hemm jghinhom; u dan in sostenn ta' dak li kien qed jghid; izda minflok strah unikament fuq l-allegazzjoni tieghu nuda u kruda.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li mill-assiem tal-provi migjuba jirrizulta sodisfacentement provat l-adulterju da parti tal-konvenut, kif ukoll l-ingurja gravi da parti tieghu fil-konfront ta' martu; u li dawn huma l-fatturi li wasslu ghat-tkissier irrimedjabbli taz-zwieg taghhom b' mod li l-hajja konjugali giet reza mpossibbli. Ghal dan jahti biss il-konvenut.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi in propositu l-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu fil-paragrafi numri 28 sa 34 a fols.586 sa 589 tal-process u, salv ghal dak li ser jinghad dwar il-kont ta' l-EneMalta u s-somma ta' Lm9,118.50, din il-Qorti qeda taddottahom b' mod li jifformaw parti ntegrali mill-gudizzju odjern [Appendici A].

Illi l-konsistenza ta' l-assi tal-komunjoni jirrizulta li huwa s-segwenti:
[1] l-inkwilinat tad-dar matrimonjali;
[2] l-oggetti mobbli ezistenti fl-istess dar;
[3] l-inkwilinat tal-garage f' Pawla, bl-ghodda go fih;
[4] l-ispeedboat, il-vettura Fiat u l-vettura Renault;
[5] kontijiet bankarji u credit card;
[6] is-somma ta' Lm9,118.50;

Il-Qorti, tenut kont principalment tal-fatt li l-htija tas-separazzjoni personali hija imputabbli unikament lill-konvenut, tikkonsidera gusta s-segwenti assenjazzjoni bazata principalment fuq il-konsiderazzjonijiet tal-perit legali:-

[1] Illi l-inkwilinat tad-dar matrimonjali – Block L, Entrance A, Flat 3 Qasam Bini tal-Gvern Zabbar – mikrija lill-attur mill-Housing Authority, jdur fuq l-attrici A B li qeda tigi moghtija d-dritt li tghix fiha ad eskluzjoni tal-zewgha C B;

[2] Illi l-mobbli kollha fil-prezent ezistenti fid-dar konjugali jigu assenjati lill-attrici;

[3] Illi l-inkwilinat tal-garage go Paola, jekk ghadu jezisti, jigi assenjat lill-konvenut, flimkien ma' l-ghodda li hemm go fih. L-attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta' mitejn lira maltin [Lm200] bhala sehemha minn din l-ghodda;

[4] Illi l-ispeedboat u z-zewg vetturi ghandhom jibqghu fil-pussess tal-konvenut, u qed jigu assenjati lilu; izda l-attrici ghandha tiehu s-somma ta' hamest elef u hames mitt lira

maltin [Lm5,500] bhala sehemha minn dawn il-mobbli. Jigi osservat li, kif jirrizulta minn-nota prezentata mill-attrici fil-18 ta' Awissu 2006 u d-dokumenti annessi[2], id-dejn fuq il-vettura Renault thallas mill-imsemmija somma ta' Lm9,118.50 appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti;

[5] Illi l-kontijiet bankarji jigu assenjati lill-konvenut li ghandu jkun unikament responsabbli ghad-dejn rispettiv;

[6] Illi il-bilanc mis-somma ta' Lm9,118.50 spettanti lill-konvenut wara li gie boarded out, appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti u li fil-prezent tinsab sekwestrata f' idejn il-kumpanija AirMalta, u li minnha thallas id-dejn tal-vettura Renault; dan il-bilanc li llum jirrizulta li huwa ta' erbat elef erba erba mija erba u tletin lira maltin u sitta u sittin centezmu [Lm4,434.66] ghandu jigi assenat lill-attrici fl-intier tieghu;

**Manteniment**

Illi anke in propositu l-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-rapport tieghu, salv ghal kwantum tal-persentagg tal-manteniment fissat.

Illi jirrizulta li b'digriet mghoti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili l-konvenut kellu jivversa lill-attrici s-somma ta' Lm100 kull hmistax b' effett mill-4 ta' Settembru 2000. Il-konvenut jammetti li huwa baqa' inadempjenti fi tlett pagamenti, ammontanti komplessivament ghas-somma ta' Lm300 li ghalhekk ghadha dovuta lill-attrici.

Illi l-posizzjoni illum hija li, filwaqt li l-attrici li ghandha 59 ma tahdimx u qatt ma hadmet barra d-dar, il-konvenut jinsab dizokkupat minhabba li gie boarded out u qed jistenna l-ezitu ta' l-applikazzjoni tieghu ghall-pensjoni ta' l-invalidita'.

Illi jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-fatt li l-persuna li tkun hatja ghas-separazzjoni personali u ghalhekk ghandha l-

[2] li gew notifikati lill-konvenut u li minn naha tieghu ma' pprezenta ebda risposta

obbligu li tghaddi manteniment lil konjugi l-iehor, tkun dizokkupata, dan il-fatt bis ma jezonerax lil dik il-persuna mill-obbligu legali taghha.  Minn naha l-ohra, pero' il-Qorti trid tikkunsidera l-kwadru kollu *rebus sic stantibus* u dan sabiex ma tabbix  lill-parti obbligata b' oneru li jkun impossibbli ghalih li jerfa'.

Ghaldaqstant il-Qorti f' dan il-kaz, filwaqt li tafferma d-dritt ta' l-attrici li titlob manteniment minghand il-konvenut skond l-Artikolu 48[1][d] tal-Kap.16, tordna li l-konvenut jghaddi lill-attrici bhala manteniment ghaliha percentagg ta' tletin fil-mija [30%] minn kull beneficju jew assistenza socjali li huwa jippercepixxi minn zmien ghal zmien, inkluza l-invalidity pensjoni u r-retirement pensjoni talvolta dawn ikunu dovuti.  Inoltre, tordna li dan il-persentagg ta' 30% ghandu jitnaqqas mid-dipartiment koncernat u jintbaghat direttament lill-attrici fl-indirizz residenzjali taghha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn mal-konvenut;

[2] tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici percentagg ta' tletin fil-mija [30%] minn kull beneficju jew assistenza socjali li huwa jippercepixxi minn zmien ghal zmien, inkluzi l-invalidity pensjoni u r-retirement pensjoni talvolta dawn ikunu dovuti; u inoltre, tordna li dan il-persentagg ghandu jitnaqqas mid-dipartiment koncernat u jintbaghat direttament lill-attrici fl-indirizz residenzjali taghha.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett mitt lira maltin [Lm300] arretrat ta' manteniment dovut lilha.

Inoltre, fil-kaz li l-konvenut jerga' jibda jahdem bi qligh huwa ghandu jivversa lill-attrici percentagg ta' hamsa u tletin [35%] mill-qligh jew salarju tieghu.

[3] tilqa' t-tielet talba, u tordna l-applikazzjoni fl-intier tieghu tal-Artikolu 48 tal-Kap.16 fejn applikabbli;

[4] tilqa' r-raba talba u tordna l-likwidazzjoni u x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti kif fuq indikat; u ghalhekk:

[a] tassenja lill-attrici l-inkwilinat tad-dar matrimonjali, u d-dritt li tabita fl-istess dar ad eskluzjoni tal-konvenut;
[b] tassena lill-attrici l-oggetti mobbli kollha ezistenti fid-dar konjugali;
[c] tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta' hames telet u hames mitt lira maltin [Lm5,500] sehemha mill-vetturi u l-ispeedboat, is-somma ta' mitejn lira maltin [Lm200] sehemha mill-ghodda u s-somma ta' erbat elef erba mija erba u tletin lira maltin u sitta u sittin centezmu [Lm4,434.66];
[d] tassenja lill-konvenut l-inkwilinat tal-garage f' Rahal il-Gdid u l-ghodda kollu li hemm fih;
[e] tassenja lill-konvenut l-ispeedboat, u l-vettura Fiat u l-vettura Renault;
[f] tassenja lill-konvenut id-deposiziti bankarji, flimkien mad-djun rispettivi;

[5] tilqa' l-hames talba tinnomina lin-Nutar Dottoressa Ea B Caruana sabiex fi zmien xaharjen, f' data u hin fissat minnha, u fl-edifizju tal-Qorti tircevi l-att pubbliku opportun, u tinnomina lill-Avukatessa Dottor Stephanie Galea sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci;

[6] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba stante li l-attrici gja tinsab fil-pussess tal-proprjeta' dotali u parafernali taghha;

[7] Tilqa' s-seba' talba;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut, salv dawk relattivi ghat-talba numru sitta li ghandhom jibqghu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------